## IN MEMORIAM

B'Tifkira għażiża
Ta'
Mons. Dun Karm Psaila
C.B.E., D.Lit.,
Li f'ħajtu żejjen isem u lsien
art twelidu
bil-moħħ u qalb ta' Poeta
li ta lil Malta l-Innu Nazzjonali
Mudell ta' Qassis li għax għal Alla
u għal għajru
Miet ħamest ijiem qabel għeluq
id-90 sena ta' ħajtu
fit-13 ta' Ottubru, 1961
Imsejjaħ mis-Sema għall-premju
ta' ġieħ u hena
wisq iżjed xieraq minn dak
li riedet tagħtih id-dinja
għall-ġid li għamel f'għomru.


# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

DIĊEMBRU 1961


# DUN KARM MIET

NHAR il-ġimgħa, it-13 ta' Ottubru 1961, ma' għib ix-xemx fil-gżira tagħna ntefa dawl li kien jillumina t-talent Malti: Miet Dun Karm meta kien għoddu għalaq id-disgħin sena u f'okkażjoni bħal din kull Malti ta' dehen u għaqal imissu għal ftit tal-ħin jidħol fih innifsu u jġib quddiem għajnejh ir-rabta li hemm bejn l-Ilsien tagħna u l-ogħla poeta li seddqu u sebbħu.

Dun Karm għalina jippersonifika ideal u simbolu. Minn mitejn sena 'l hawn dawk il-Maltin li kellhom qalbhom tħabbat bl-imħabba safja lejn art twelidhom, kienu ta' fehma sħiħa li jgħollu l-ilsien Malti; għax din il-Gżira qatt ma setgħet tgħolli rasha u tħaqqaq jeddha sakemm ilsienha kien għadu mormi u mġenneb, għax l-ilsien hu mera tar-ruħ u leħen il-qalb tannazzjon.

L-ideal ta' l-ulied veri ta' Malta kien u għadu l-progress u t-trijonf ta' l-ilsien Malti. Bosta u bosta batew għal dan l-ideal, raw fuq wiċċhom u kienu mżebilħin, imma aktar ma ltaqgħu ma' għawġ u mibegħda aktar intefgħu bil-ħeġġa għar-rebħa ta' l-ideal tagħhom u għalkemm Dun Karm ma kienx wieħed minn dawk li tqabdu fil-beraħ, lilu messet ix-xorti li juri fid-dieher il-progress u r-rebħiet ta' l-ideal tagħna. Il-lum min jara l-unuri u l-qima li ngħataw lill-poeta Malti ma jistax fl-istess ħin ma jaħsibx fil-qasam li fih hu kiseb dawk is-sinjali tar-rebħ.

Dun Karm hu wkoll simbolu għal kull min jagħti ruħu biex jonġor u jorqom u jsebbaħ il-kitba bil-Malti. Ħafna jitħajru jixxiegħlu fil-Malti, iżda jaqtgħu qalbhom għax jibżgħu li b'dan l-ilsien ma jistax jintlaħaq stil letterarju għoli, u wkoll għax dan l-ilsien ma jġibx riżq u ġieħ lill-kittieba. Dun Karm seħħlu jipprova li dak kien biża' fieragħ. Il-lum dan il-poeta tagħna hu rahan u xhieda tas-suċċess li jista' jkollu kittieb tajjeb li jinxteħet bil-qalb u bil-ħeġġa għal kitba bil-Malti. Bis-saħħa ta' l-ilsien tagħna Dun Karm għamel isem mhux biss f'art twelidu, imma u wkoll f'artijet barranin fejn il-kultura u l-letteratura huma miżmumin kif jixraq lil dawn iż-żewġ sisien taċ-ċiviltà.

Tassew li riedu jkunu t-talent, il-għerf u l-lehma li bihom Dun Karm kien mogħni minn qaddisu u fuq kollox kienet tinħtieġ